# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MCKEON

**Illum it-Tlieta 3 ta` Novembru 2015**

**Kawza Nru. 2**
**Rik. Gur. Nru. 901/15 JZM**

**African Blue Lines Ltd, registrata gewwa Saint Vincent u l-Grenadini (b`International Business Company No. 5441 IBC 1999)**

***kontra***

**Il- Bastiment JANAT (IMO 7517650)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-25 ta` Settembru 2015 **bil-procediment sommarju specjali** li jaqra hekk :–

*1. Illi s-socjeta` attrici, African Blue Lines Ltd, hija rregistrata gewwa Saint Vincent u l-Grenadini (u dan kif jidher car mic-certifikat ta` inkorporazzjoni tas-socjeta` rikorrenti hawn anness u mmarkat bhala Dokument ABL1);*

*2. Illi s-socjeta` attrici li topera minn gewwa Tuniz, kienet il-proprjetarja precedenti tal-bastiment intimat;*

*3. Illi ghal kull buon fini qed jigi ddikjarat illi l-bastiment intimat prezentament irregistrat bl-isem JANAT kellu hafna ismijiet precedenti inkluzi inter alia EL HORRA, IRFAN AKANSU, JANET u TIUBODA;*

*4. Illi f`Mejju tas-sena 2012, is-socjeta` attrici giet avvicinata minn socjeta` Libjana, EL AMWAJ EZARKA T.CO bil-ghan u bi skop li din ta` l-ahhar tixtri l-bastiment intimat mill-istess attrici.*

*5. Illi wara diversi diskussjonijiet dawn iz-zewg partijiet ftehmu illi l-bastiment intimat kellu jinbiegh lis-socjeta` Libjana ghall-prezz globali ta` erbgha mitt elf dollaru Amerikan (USD 400,000).*

*6. Illi inoltre l-partijiet kuntrattwali ftehmu ukoll illi l-prezz kellu jithallas permezz ta` zewg pagamenti separati ta` hamsin fil-mija kull wiehed.*

*7. Illi infatti s-socjeta` xerreja obbligat ruhha sabiex thallas lis-socjeta` attrici nofs il-prezz totali fid-data meta kellu jinhareg il-bill of sale u l-kumplament sa mhux aktar minn sitt xhur mid-datat li jigi ffirmat l-istess bill of sale.*

*8. Illi sussegwentement is-socjeta` attrici ffirmat bill of sale datat fit-22 ta` Mejju 2012 sabiex titrasferixxi l-bastiment intimat a favur 'l fuq imsemmija socjeta` Libjana (kopja u traduzzjoni bil-lingwa Ingliza hawn annessa u mmarkata bhala Dok ABL2).*

*9. Illi kontestwalment is-socjeta` attrici giet mhallsa l-ewwel pagament ta` mitejn elf dollaru Amerikan (USD 200,000) dovut mis-socjeta` EL Amwaj Ezarka.*

*10. Illi sussegwentement is-socjeta` xerreja naqset illi thallas lill-attrici il-50% ohra dovuti minnha (u cioe` is-somma ta` mitejn elf dollaru Amerikan (USD 200,000) fiz-zmien stipulat ta` sitt xhur.*

*11. Illi nonostante diversi attentati mis-socjeta` attrici sabiex tirkupra dawn il-flus, is-socjeta` El Amwaj Ezarka prezentament s-sid registrat tal-bastiment intimat, baqghet inadempjenti.*

*12. Illi minkejja illi s-sidien tal-bastiment baqghu inadempjenti, f`Mejju 2015 s-socjeta` El Amwaj Ezarka ffirmat ftehim fejn irrikonoxxiet u ddikjarat illi hija kienet kreditrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta` Euro €200,000 kif ukoll illi dan l-ammont kien dovut bhala l-bilanc dovut tal-prezz (kopja tal-ftehim hawn annessa u mmarkata bhala Dok ABL3).*

*13. Illi ghal kull buon fini qed jigi prezentat affidavit ta` Seifeffine Ridha Agrebi fejn jispjega il-fatti kollha b`mod iktar dettaljat. (Kopja tal-affidavit hawn annessa u mmarkata bhala Dok ABL4).*

*14. Illi din il-kawza qieghda tigi ntavolata sabiex is-socjeta` rikorrenti, tkun tista` tigbor u tirkupra l-istess ammonti minghand il-bastiment intimat li prezentament jinsab arrestat hawn Malta.*

*15. Illi jinghad ukoll li dan il-kreditu huwa ukoll pregradwat u jgawdi privileggi specjali a tenur tal-artikolu 50 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*16. Illi ghalhekk dawn il-fuq imsemmija debitu huwa cert, likwidu u dovut u r-rikorrenti nomine taf li l-bastiment intimat ma ghandu l-ebda eccezzjoni valida x`jissolleva u taf hija nnifisha bil-fatti kif fuq indikati.*

*Ghaldaqstant tghid is-socjeta` konvenuta prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ddispensat mis-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta` Malta ghaliex dina l-Qorti m`ghandhiex:*

*1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta` attrici bid-dispensa tas-smigh tar-rikors ai termini tal-Artikoli 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*(i) Tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` mitejn elf dollaru Amerikan (US$ 200,000) ekwivalenti bir-rata tal-kambju tal-bierah ghal circa mija u tnejn u tmenin elf, mija u tnejn u tmenin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€182,182.55).*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-bastiment intimat li hu minn issa ngunt ghas subizzjoni.*

Rat id-digriet taghha tas-6 ta` Ottubru 2015 fejn appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tal-lum.

Rat illi l-bastiment konvenut kien debitament notifikat skont il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz ta` smigh tal-kawza.

Rat illi ghalkemm il-bastiment konvenut issejjah aktar minn tliet darbiet sabiex jidher ghall-udjenza tal-lum, hadd ma deher.

Rat l-Art. 167 et sequitur tal-Kap. 12.

**Ghaldaqstant, fil-kontumacja tal-bastiment konvenut, il-Qorti qieghda:**

**1. Taqta` u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh;**

**2. Tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` mitejn elf dollaru Amerikan (US$ 200,000) ekwivalenti ghal mija u tnejn u tmenin elf, mija u tnejn u tmenin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€182,182.55), bl-imghax legali kif mitlub sad-data tal-effettiv pagament.**

**3. Tikkundanna lill-bastiment konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**